**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 47**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru 2022 fl-16.28

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier (16.46) |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier (17.06) |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jkun preżenti.

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**47.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

47.1.1 Il-Minuti tas- Seduta Nru.46 ġew approvati. Il-Viċi Sindku pproponiet u l-Kunsillier R. Scicluna Ssekondat wara li saru l-korrezzjonijiet indikati.

**47.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

47.2.1 Il-Kunsillier R.Scicluna staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi minn naħa ta' TM dwar il-kwistjoni tal-junction box fi Triq l-Għarbiel. L-Aġent SE infurmat li sa issa m'hemm l-ebda żvillup ġdid u għalhekk kollox baqa' kif kien.

47.2.2 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet jekk bediex il-proċess sabiex isir pjan dwar l-immaniġjar ta' traffiku fi żona ta' Triq ir-Ratal/ Wiżna. Is-Sindku nforma li anke hu jixtieq li jsir dan il-pjan imma jemmen li dan għandu issir aktar 'il quddiem meta Triq ir-Ratal tiġi maqgħuha ma' Triq tal-Ibraġ peress li hemm bżonn li l-pjan issir wieħed ħolistiku.

47.2.3 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk hux se jiġu nstallati sinjali sabiex wieħed jkun jista' jaċċessa Triq il-Qasam miż-żona ta' Triq is-Sejjieħ. Is-Sindku nforma li dwar dan, ġew ordnati 3 tabelli li jindikaw id-direzzjoni lejn Triq il-Qasam. Is-Sindku staqsa sabiex issir is-sinjal abjad ta' nofs fi Triq il-Qasam hekk kif tkun nieżel lejn il-Wied. L-Aġent SE ħadet l-inkarigu li tiforma lil kuntrattur ikkonċernat.

47.2.4 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk hemmx rispons dwar il-ġbir ta' imejls *addresse*s ta' residenti. L-Aġent SE infurmat li kien hemm persuni li avviċinawna biex jirreġistraw id-dettalji tagħhom u li mistenni li jkomplu jiżdiedu peress li dan huwa proċess li m'għandux bidu u tmiem.

47.2.5 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet sabiex tingħata kopja ta' l-iskeda tal-knis.

Il-Kunsillier A. Pisani kienet preżenti – 16.46

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**47.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

47.2.6 Il-Kunsillier E.Rossignaud informa li iltaqa' ma' Sur Bonello dwar pjan ta' l-immaniġjar ta' traffiku fejn dan infurmah li hemm bżonn li jsiru traffic counts sabiex jiġu stabiliti proposti attwali kif ukoll dwar kif wieħed jista' jtejjeb l-aċċessibilta biex tidħol u toħroġ fis-Swieqi. Huwa se jkun qiegħed iżomm l-kuntatt miegħu.

47.2.7 Il-Kunsillier M. Bonello staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi minn naħa tal-Cleansing Department sabiex jitnaddfu l-ġnub ta' Triq tal-Ibraġ minħabba l-ammont ta' trab li inġemma. L-Aġent SE infurmat li sa issa m'hemm l-ebda rispons u li se tkompli tibgħat reminders dwar dan.

**47.3 Rapport mis- Sindku**

47.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

47.3.2 Is-Sindku nforma li nhar it-28 ta' Settembru, huwa flimkien mal-Viċi Sindku u l-Aġent SE attendew għal laqgħa mal-Community Police kif ukoll ma' Suprtendent M. Camilleri. Waqt din il-laqħa ġew iddentifkat xi problemi li qed niltaqgħu magħhom meta qed jiġu rrapurtati xi kwistjonijiet urġenti bħal xogħlijiet bla permess u storbu eċċessiv. L-Aġent SE staqsiet jekk hux possibli li jkun hemm numru tal-mobwajl minn naħa ta' l-għassa ta' San Ġiljan fil-group chat li għandu l-Kunsill ma' l-uffiċċjali tal-Community Police. Is-Supretendent informa li se jiċċekja dwar dan. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li fil-laqgħa li jmiss nistaqsu eżatt dwar x'inhuma r-responsabiltajiet tagħhom.

47.3.3 Nhar id-29 ta' Settembru, is-Sindku flimkien ma' xi Kunsilliera attendew għal laqgħa li saret ma' l-Onor. A. Zerafa Civelli fl-uffiċini tal-Kunsill. Waqt din il-laqgħa ġew imsemmija diversi punti fosthom il-problema finanzjarja tal-Kunsill, il-possibilta' li jerġħu jibdew jingħataw is-servizzi tal-Berġa u s-Sigurta Soċjali kif ukoll għajnuna sabiex jkun hawn iktar spazji miftuħa f' din il-lokalita'.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**47.3 Rapport mis- Sindku**

47.3.4 Nhar it-3 t'Ottubru, huwa attenda għal laqgħa li kien hemm ma' l-iżvillupaturi li jixtiequ li ssir Dar għall-Anzjani fi Triq is-Swieqi k/m Triq il-Ġejża. Hu nforma li dawn lesti li jiffirmaw kuntratt li din trid tibqa' dejjem dar għall-anzjani u li ma tistax tinbidel f' xi tip ta' lukanda.

47.3.5 Is-Sindku nforma li matul ix-xahar li għadda saru diversi attivitajiet mill-Kunsill fosthom Ġieħ is-Swieqi. Hawnhekk huwa rringrazzja li kull min ta sehmu sabiex din l-attivita' terġa' titella b'suċċess fosthom lil Kunsillier T. Valentino. Il-Kunsillier T. Valentino talbet sabiex kemm jista' jkun naħsbu f'persuni li jkunu eleġibli biex jagħmlu parti mill-Bord ta' l-Għażla ta' Ġieħ is-Swieqi.

47.3.6 Huwa għamel referenza wkoll għall-attivita' ta' SwieqiFest li itellgħet bejn is-16 u 18 ta' Settembru. Hu rringrazzja li kull min għen fosthom lil grupp ta' voluntiera li għal darb oħra taw daqqa t' id kif ukoll lill-istaff tal-Kunsill u l-Kunsillier R. Scicluna ta' dedikazzjoni tagħhom.

47.3.7 Is-Sindku nforma li bejn l-1 u 3 t'Ottubru, il-Kunsill b'kolloborazzjoni mas-Sur Angelo Ciochetti għal darba oħra itellgħet konferenza internazzjonali bl-isem ta' EVEN fejn għaliha attendew madwar 7 pajjiżi differenti mill-EU. Il-Kunsill irringrazzja li Sa. Caroline Asha ta' l-għajnuna tagħha. L-Aġent SE infurmat li l-Kunsill irċieva 11,000 għal organiżżazzjoni ta' din il-konferenza.

47.3.8 Is-Sindku nforma li s-sinjali ta' traffiku fi Triq is-Sidra huma lesti u għal dan irringrazzja lil kuntrattur li kien responsabli.

47.3.9 B'referenza għall-ittra li l-Kunsill rċieva minn IM dwar il-proċess il-ġdid ta' kif se jibdew jintagħażlu toroq li għandhom bżonn ix-xogħlijiet ta' infrasstrtura, is-Sindku nforma li se jibqa' jsostni sabiex l-ewwel prijorita' tingħata lil Triq il-Miżura. Hu nforma li skond l-ittra jidher li s-Swieqi se jingħata 12-il elf metru kwadru f'xogħlijiet.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**47.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Kunsillier R. Scicluna

47.4.1 Hija staqsiet jekk kienx hemm xi oġġezzjonijiet uffiċjali dwar l-parti ta'Triq is-Sejjieħ li saret one-way peress li hija ġiet avviċinata minn xi persuni li din kella ssir one-way bil-kontra. Is-Sindku nforma li din it-triq speċjalment ma tiflaħx għal traffiku 2-way kif ukoll kull *side street* ta' Triq il-Qasam li qiegħda ma' l-istess naħa ta' Triq is-Sejjieħ qiegħda one-way. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Hija infurmat wkoll li xi resident għandu problema dwar il-mod ta' kif twaħħlet it-tabella ma' naħa ta' dar tiegħu minħabba dan it-tibdil.

Mill-Kunsillier A. Pisani

47.4.2 Hija staqsiet sabiex jekk hu possibli jiġu mnaddfa l-bankijiet li hem fuq il-bejt tal-Kunsill peress li dawn ġew imħażża. L-Aġent SE infurmat li se tkun qed tiċċekja dwar dan.

Mill-Kunsillier E. Rossignaud

47.4.3 Il-Kunsillier staqsa sabiex jitqajjem iktar għarfien fejn qiegħed installat l-AED sabiex dawk li jkollhom bżonnu jkunu jafu sew fejn qiegħed. Huwa ssuġerixxa wkoll li dan jiġi nkluż fl-app lokali. L-Aġent SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mas-sidien ta' din l-app.

47.4.4 Huwa staqsa jekk il-Kunsill ġiex infurmat dwar x'se jiġri minnhom il-bays li kienu allokati għal karozzi tal-GO-TO. L-Aġent SE infurmat li hija diġa' għamlet kuntatt mas-Sur T. Debono dwar dan pero' ma kiex f'pożizjoni li jtina informazzjoni.

47.4.5 Hu staqsa jekk hux possibli li jsiru xi xogħlijiet ta' tibjid fis-sala tal-Kunsill.

Mill-Kunsillier M.Bonello

47.4.5 Hu informa li ġie avviċinat minn persuna li skond il-permess ta' żvillup tagħha jidher li hemm xi kundizzjoni biex jinżergħu xi siġar fil-lokalita'. Wara diskuzzjoni, l-Aġent SE talbet għad-dettalji ta' dil-persuna sabiex flimkien mal-Perit tal-Kunsill niddiskutu din il-possibilta.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**47.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Viċi Sindku

47.4.6 Il-Viċi Sindku staqsiet sabiex nirrapurtax l-istat li qegħda fih tappiera fi Triq tal-Mielaħ. Madliena. Tant kemm qiegħda ħażin li anke l-bankina mhix waħda aċċessibli. L-Aġent SE infurmat li se tkun qed tinforma lil WSC dwar dan.

47.4.7 Hija infurmat li attendiet għal laqgħa li saret ma' SEM dwar il-Madliena Trail. Wara diskuzzjoni ġie deċiz li minħabba l-fatt li l-Perit Wallace Farrugia kien diġa' pprepera xi stima jerġa' jiġi avviċinat sabiex jtina din l-istima updated dwar dan. Kien hem qbil unanimu dwar dan.

Mill-Kunsillier T. Valentino

47.4.8 Il-Kunsillier staqsiet jekk hemmx il-ħsieb li jsiru xi attvitajiet fi żmien il-Miliied għal din is-sena. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jinħoloq sotto-kumitat li jkun responsabli mill-organizazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Ġie deċiż li li l-Kunsillier T. Valentino flimkien mal-Viċi Sindku jkunu parti minn dan il-Kumitat.

47.4.9 Hija staqsiet jekk hux possibli li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-lapida li hem fil-Ġnien ta' Ċentru Ċiviku peress li xi linka iżżelġet. L-Aġent SE infurmat li se tagħmel kuntatt mal-kuntrattur responsabli.

47.4.10 Rigward is-servizz ta' Silver- T, hija staqsiet jekk kienx hem xi żvilluppi. L-Aġent SE infurmat li se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt magħhom.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**47.5 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

L-iskeda tal-pagamenti nru.39 ġiet approvata minn dawk preżenti. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Din is-seduta spiċċat fit-19.32 u s-seduta li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Novmebru fl-16.00.

Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |